# TERSAQX

*Tersaqx 'l hemmhekk,*
*tersaqx.*
*Hemm dlam magħqud,*
*hemm żifna barranija ta' uħux għajjura,*
*hemm xewk u għollieq bla tarf.*
*Tersaqx.*
*Tersaqx lejn l-għamara tad-dwejjaq u n-niket,*
*tersaqx lejn l-infern tal-bnedmin,*
*hemm foss fejn għammieq bla qies jinbaram,*
*hemm foss ta' dlam u għira.*
*Tersaqx, tersaqx lejn dak il-wied.*
*Ismagħhom l-ilpup, ismagħhom l-iljuni jrogħdu*
*l-arja li tkebbibhom fil-kesħa u fl-għera tagħha.*
*Hemm masġar mingħajr qies, bla tul u wisa'.*
*Hemm ħsad il-għali, hemm ħrit il-krib,*
*hemm biki u xgħir, tqanżiħ ta' mard qerriedi.*
*Tersaqx, tersaqx.*
*Tersaqx lejn l-ispiżerija tat-tbaħrid u l-għeja:*
*Hemmhekk hemm il-qirda,*
*Hemmhekk hemm it-tneħħija ta' kull għodwa mbierka.*
*Titmigħekx quddiem għajnejn lelliexa, saħħara;*
*tqimx ġilda tgħajjat ta' ġisem kollu tifkiriet mormija*
*ta' nies ħaddieħor.*
*Żvojta moħħok minn ħsibijiet għatxana,*
*Żvojta qalbek minn tqanqiliet qarrieqa*
*quddiem it-tbissim b'qoxra ta' qerq u serq.*
*Tersaqx, tersaqx.*
*Il-ħajja qed issejjaħlek,*
*mhux ġewwa t-tajn u n-naqal ta' ħaddieħor;*
*il-ħajja qed issejjaħlek taħt libsa mżanżna*
*ta' għodwa ġdida, ta' għodwa ħielsa, ta' għodwa safja.*
*Tersaqx, tersaqx.*

18.x.65 — KARMENU MALLIA